MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2009

Numru 936/2009

PULIZIJA
SPETTUR TREVOR MICALLEF
VS
MISSEN WATTARA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Missen Wattara ta’ 19-il sena, iben Wattara Seydou u Sirah nee’ Diahite, imwieled 1 ta’ Jannar 1990 Ivory Coast, residenti: Tent Centre, Hal Far, Limiti taz-Zurrieq u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 47999(A) u mobile number 99027385.

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Settembru 2009 ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija (11:30p.m.) fi *ommissis R* u jew fil-vicinanzi:

1) B’eghmil zieni kkorrompa lil *Ommissis A* minorenni ta’ 15-il sena;

2) Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ l-imsemmija *Ommissis A*, minorenni;
3) Eccita jew ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ *Ommissis A*, minorenni;
4) Akkuzat aktar talli b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi ta fastidju lil *Ommissis A* b’mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna u kkaguna biza’ lil *Ommissis A* li ser tintuza vjolenza kontrija jew kontra l-propjeta’ taghha.
Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tiprovdi ghal garanzija ta’ *Ommissis A* skond Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.B - fol.7) u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta’ korruzzjoni ta’ minorenni *Ommissis A* ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena. Illi l-genituri taghha, *Ommissis F* u *Ommissis M* xehedu bil-gurament quddiem din il-Qorti u t-tnejn ikkonfermaw illi kienet ix-xewqa taghhom illi jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali wara li l-Qorti spjegatilhom il-konsegwenzi ta’ tali rinunzja (ara xhieda tas’17 ta’ Settembru 2009).

Illi l-imputat, minn naha tieghu obbliga ruhu li bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma jkellem, javvicina, jew idejjaq kull xort’ohra lil minuri *Ommissis A* jew lil familja taghha.

In vista’ ta’ dana kollu, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------